MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

[Nhar il-Ħamis 4 ta' Mejju 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fl-4 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Schembri – Kunsilliera
Joseph Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresieda l-laqgħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi skond il-liġi, f'każ illi ma jkunx hemm quorum għal-laqgħat tal-Kunsill, il-laqgħat għandom isiru mhux inqas minn jumejn wara [Art.43 (2) tas-sitt skeda]. Kompla jgħid li minħabba ċirkostanzi privati u personali, kif ukoll minħabba l-fatt illi l-kunsilliera sabu diffikultajiet biex jiġu nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju, il-laqgħa qed issir jumejn wara l-ġurnata inizjali.
Il-kunsilliera kollha kienu qablu li l-laqgħa tibda fl-4pm u qabel il-ħin stipulat fil-liġi [5.30pm]. B'hekk il-Kunsill kien qed jaħdem skond il-liġi [Art 43 (3) ta' Kap 363].

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier Jeremy Cardona qal illi se jattendi wara l-ħamsa peress illi ma setax jitlaq mix-xogħol fil-ħin.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 Is-Sindku qal illi sab diffikultajiet biex isib slot għar-rugby biex jużaw il-grawnd għat-trejning [ref punt 40.2.1]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tim bagħtu talba biex jagħmlu sessjoni ta' touch rugby fuq il-Promenade. Is-Sindku approva t-talba u l-kunsillier Neville Chetcuti ssekonda l-proposta bil-kundizzjoni li jkun hemm aċċess għan-nies.

42.2.2 Is-Sindku qal illi jixtieq isebbaħ il-lokalita bil-ħdura/qsari u kien qed jipproponi li jsiru dawn qabel ma jsiru xogħolijiet bħall-graffiti [ref punt 40.2.2]. Il-kunsillier Wayne Hewitt isekonda l-proposta. Il-ħsieb illi ssir graffiti mal-ħajt tal-Housing Estate ġiet posposta għalissa.

42.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva risposta mill-avukata tad-Dipartiment fejn qalet illi l-Kunsill ma joħroġ l-ebda permess għall-street hawkers peress illi ma jaqawx taħt is-S.L tal-Kunsilli Lokali [ref punt 40.2.4].

**Il-kunsilliera Graziella Schembri daħlet fil-4.40pm**

42.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li bagħat il-proposta lil TM biex triq Antonio Sammut issir one-way [ref punt 40.2.5]. Il-kunsillier Joseph Galea qal illi ftit iżjed 'il fuq minn triq Antonio Sammut [fil-parti ta' fuq ta' Emmanuel Giordano] hemm area fejn konna għamilna scarifying u issa m'hemmx grip.

42.2.5 Is-Sindku ppropona li ssir kors ta' ECDL minflok Robotico [ref punt 40.2.6]. Il-Viċi Sindku Ralph Mangion issekonda l-proposta.

42.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-għada tal-laqgħa kien se joħroġ it-tender għat-tindif u manutenzjoni tal-Public Convenience [ref. punt 40.3.3]

42.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-barriers saru kemm fejn ir-REMAX, kif ukoll barra l-BOV. Qal illi intużat parti mill-barrier li kien hemm wara l-polyclinic.

42.2.8 Kien hemm diskussjoni fuq il-disinn ġdid tal-pjazza Meme Scicluna [ref. punt 40.4.2], fejn is-Sindku ppropona li l-istudenti tal-universita joħorġu bil-proposti tagħhom u nevalwaw l-aħjar proposti. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

42.2.9 Is-Segretarju Eżekkutiv qal illi l-mekanik sab problema żgħira li tista titranġa fil-vettura li l-Kunsill qed jikkonsidra li jixtri. Is-sid se jieħu ħsieb il-problema. B'mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondat mill-Viċi Sindku l-Kunsill qabel illi tinxtara.

42.2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill għandu jħallas l-ammont dovut lil WasteServ. Ippropona li nħalsu l-ammont ta' €2500 kull tlett xhur. Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu kien hemm raġuni għalfejn il-Kunsill ma kienx ħallas l-ammont. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ċċekkja iżda s'issa ma sab l-ebda raġuni għalfejn il-Kunsill żamm il-flus. Qal illi bejn Ottubru 2009 u April 2010 il-Kunsill kien iħallas l-ammont dovut skond l-invoices tal-WasteServ. Minn April 2010, wara li l-Kunsill irċevew Ċirkolari mill-AKL, il-Kunsill beda iħallas l-ammont li konna nirċievu għat-tipping fees mid-DLG. Qal illi parti mill-kont dovut kien minħabba l-fatt illi fis-sena 2010 il-Kunsill ħallas l-ammont skond it-tipping fees iżda ħadu in kunsiderazzjoni li t-tipping fees għal 2010 applikaw ukoll għal dawk il-pagamenti minn Ottubru 2009-Diċembru 2009. Sentejn wara, għal xi raġuni l-Kunsill ħallas rata fissa inqas mill-ammont skond it-tipping fees għal sena u ħadd ma jaf ir-raġuni għalfejn. Is-Sindku qal illi tajjeb illi nivverifikaw l-informazzjoni iżda qabel illi nħallsu ammont fuq perjodu twil. Kien hemm qbil illi nħallsu €2500 kull tlett xhur jekk dak l-ammont huwa dovut.

## 42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

42.3.1 Il-Kunsill irċieva talba mis-surmast tal-iskola primarja biex nagħmlu riklam tal-Kunsill fid-djarju tal-iskola. Wara diskussjoni ġie deċiż illi nibagħtu riklam b'kollaborazzjoni mal-GreenPak jew il-Cleansing Department b'kartun adattat għat-tfal biex nuru l-importanza tat-tindif fil-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nħallsu €100 għal 1pg bil-kulur. Is-Sindku ppropona li nirriklamaw. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

42.3.2 Il-Kunsill irċieva ittra minn individwi li ssuġġerrew li l-Kunsill jagħti Premju f'isem il-lokalita lill-indiviwdu partikolari. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk il-Kunsill bi ħsiebu jibda jagħti premju lill-individwi partikolari, għandna naħtru Bord u noħorġu regolamenti. Għal din is-sena s-Sindku ppropona li nibagħtu lill-Għaqdiet kollha biex jinnominaw lil xi ħadd u nagħtu premji skond n-nominazzjonijiet li nirċievu.

42.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra minn impjegata tal-Kunsill li għamlet talba biex tibda taħdem mit-8am sa 2pm u biex taħdem jew bir-reduced hours jew bit-telework. Żied illi jixtieq jikkonferma x'hemm miktub fil-liġi iżda jidhirlu li impjegati li għandom tfal taħt ħames snin huma intintolati għar-reduced hours. Żied illi ma kienx hemm referenza fl-ittra li xtaqet titlaq kmieni minħabba t-tifla iżda se jara magħha wara l-laqgħa. Il-Kunsill qabel illi taħdem bejn it-8am u s-2pm. Is-Sindku ppropona li taħdem bit-telework ħalli tkun tista tagħmel ftit xogħol back-office mid-dar. Is-Segretarju qal illi jekk ikun hemm qbil mal-proposta l-Kunsill għandu jikkonsidra l-fatt illi l-impjegat l-ieħor se jkun qiegħed waħdu meta jagħlaq il-cash. Qal illi skond il-liġi l-Kunsill għandu jkun miftuħ għall-pubbliku sa' 12.30pm u għalhekk għandna nikkunsidraw illi niftħu għall-pubbliku sas-1.30pm u fejn ikun jista jgħin lill-back office u jieħu telefonati meta jkun waħdu ħalli. Is-Sindku qabel mal-proposta. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekondja l-proposta.

**Il-kunsillier Jeremy Cardona daħal fil-5.20pm**

## 42.4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

42.4.1 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa jekk il-Kunsill jista jieħu azzjoni kontra minn qed iħalli vetturi bil-liċenzji skaduti/partijiet tal-karrozza barra fit-triq Emmanuel Giordano. Barra hekk għamel talba biex isiru l-linji fit-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm proċedura biex ineħħu l-karozzi minn hemm iżda li l-ewwel għandna nibagħtu ittra lill-mekaniks u nieħdu azzjoni biss jekk ma jieħdux azzjoni huma.

**Fil-5.25pm is-Sindku pospona l-Aġenda biex naqbżu fuq l-item 'Items Oħra' rigward Jum il-Gżira peress illi xtaq jiddiskuti l-proposti qabel ma telqu l-kunsillieri li qalu li għandom jitilqu fil-5.30pm**

## 42.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

42.7.1 Is-Sindku fakkar illi fl-10 ta' Mejju se jkun hemm il-kxif tal-monument ta' Karlu Manche quddiem il-knisja u jixtieq jistieden lill-Membri Parlamentari tad-Distrett. Qal illi se jkun hemm banda peress illi kien il-fundatur tal-Banda u li se jdoqqu minflok ma jdoqqu fl-attivita ta' Jum il-Gżira. Talab lill-membri tal-Oppozizzjoni biex jibagħtu l-inviti lill-MP's tad-Distrett tal-Oppozizzjoni. Il-kunsillier Jeremy Cardona ppropona li nistiednu l-għaqdiet. Is-Sindku żied illi għandom jiġu mistednin il-membri tal-familja ta' Karlu Manche.
Is-Sindu ppropona li l-Kunsill jieħu ħsieb l-ikel u x-xorb. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.
Is-Sindku żied illi l-Prim Ministru se jkun preżenti.

42.7.2 Is-Sindku fakkar illi nhar il-Ħadd 14 ta' Mejju se jkun hemm l-attivita f'isem Albert Rizzo. Qal illi kien hemm qbil illi l-Kunsill ma joħroġx iżjed minn €500 bħal ma ġie diskuss fl-aħħar laqgħa u li l-membri tal-Fondazzjoni t'Albert Rizzo se jieħdu ħsieb il-bqija tal-ispejjez għall-ikel/xorb/dawl/sound, eċċ. Is-Sindku għamel talba biex ikunu mistednin l-MP's tad-Distrett.

42.7.3 Is-Sindku fakkar illi fit-12 ta' Mejju se jkun hemm l-attivita tal-ERFU fil-ġnien. Qal illi ressqu talba biex jkollhom parking/road closure wara l-ġnien. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

**Il-kunsilliera Wayne Hewitt u Graziella Schembri telqu mill-kamra fis-5.20pm**

## 42.5 Rapporti

42.5.1 Tender:Organizer tal-attivitajiet għall-anzjani: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għad hemm min irid jevalwa t-tender.

42.5.2 Financial Statements: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Financial Statements għall-approvazzjoni. Qal illi jidher illi hemm surplus ta' €2500 izda wara li tlestu rċevejna l-invoices tal-Perit illi jammontaw għal €12,000 fejn €3100 huma għall-proġetti mhux kapitali. B'hekk, effettivament, il-Kunsill ħareġ b'deficit ta' €640.35. Is-Sindku fakkar illi dawn l-ispejjez tal-Perit

ġew diskussi fl-aħħar laqgħa u għad m'hemmx deċiżjoni fuq kemm se nħalsu peress illi ma nistawx nikwantifikaw l-ispejjez.
Is-Sindku ppropona li naċċettaw l-istatements. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

42.5.3 Tower Cranes: Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-updates fuq il-proposti għat-Tower Cranes illi l-Kunsill kien irċieva fl-aħħar laqgħa:
Coleridge: Il-kuntrattur se jieħu ħsieb it-tabelli u TM qablu mas-suġġeriment li t-triq isir one way. It-Tower Crane għanda titpoġġa malli t-triq issir uffiċjalment one-way. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-triq se tkun one-way temporarjament, iżda nagħmlu talba biex issir one-way permanenti wara t-trial period. Il-Kunsill qabel.

Manoel de Vilhena/Manoel de Vilhena: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-BRO qalu li l-kuntrattur għandu iħalli post biex in-nies jagħdu minn taħt it-Tower Crane biex issir ġewwa Rue D'Argen. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi fit-talba oriġinali ġewwa triq Manoel de Vilhena, kien se jagħlaq it-triq għal sena. Il-Kunsill qabel

Carlo Manche: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skond il-Block Plan se jkun hemm 2.73mtrs spazju għall-karrozzi, inqas mill-minimum stipulat fil-gwidi ta' TM biex triq tibqa one-way. Il-kunsillier Joseph Galea ppropona li dan jaħdem mill-Pjazza Meme Scicluna [minn fuq il-bankina]. Is-Sindku ssekonda l-proposta.

## 42.6 *Kunsiderazzjoniji u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tas-sotto Kumitat [Kultura]*

42.6.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti tal-Kumitat

## 42.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa [cont.]

42.7.1 CCTV: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa ma diversi kuntratturi. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi naħdmu fuq hot spots fil-preżent peress illi biex inwettqu l-idea inizjali tal-Kunsill hemm wisq xogħol ta' infrastruttura u moniteraġġ biex nibdew mill-ġdid. Il-Kunsill qabel.

42.7.2 MSDC: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara l-aħħar laqgħa hu u s-Sindku ltaqgħu ma' rappreżentant tal-MSDC li qegħdin jitolbu lease ta' sular tas-Civic Centre fejn għandom isiru lezzjonijiet tal-lingwi, u attivitajiet f'isem integrazzjoni soċjali, fil-lokalita. Peress illi s'issa l-Kunsill m'għandux it-titolu fuq il-bini max-Xatt, fejn bi ħsibna nibnu c-Civic Centre, il-Kunsill iddeċieda li jużaw is-sala ta' Savoy Gardens. Il-Kunsill se joffri li s-sala tintuża għall-perjodu 'unlimited' biex l-MSDC ikollhom hub ġewwa l-Gżira anka jekk ma nieħdux ic-Civic Centre.

42.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa ma kumpaniji li jġibu riklami għall-għamara tat-toroq u li dawn jaħdmu fuq rata fissa li għandom jagħtu lill-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi f'każ illi l-Kunsill isib ir-riklami, issir arranġament mal-kumpanija [via tender] biex huma jieħdu ħsieb il-

printing u l-Kunsill jieħu 100% dħul tar-riklam, u għal dawk illi jġibu huma, aħna nieħdu persentaġġ tal-ammont.

42.7.4 Electric Charging Pillar: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba biex iċ-Charging Pillar illi hemm max-Xatt issir x'imkien ieħor. Il-Kunsill qabel mal-proposta li ssir quddiem fejn kien hemm il-BOV ġewwa Msida Road.

42.7.5 Mothers Day: Is-Sindku qal ill rċieva talba mill-iskola biex jaħdmu b'kollaborazzjoni magħna għall-attivita li se ssir għal Mothers Day, fejn il-Kunsill għandu jieħu ħsieb it-trasport. Il-Viċi Sindku ssekonda t-talba.

42.7.6 Il-Viċi Sindku ressaq talba biex nixtru bankijiet ġodda għax-Xatt. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bzonn madwar 60. Il-Viċi Sindku qal illi hemm bankijiet sbieħ l-Imsida u jekk possibbli nixtru bħalhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'dan il-każ hemm bzonn noħorġu tender.

## 42.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

42.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni iżda ma kien hemm l-ebda diskors rigward dawn il-pagamenti peress illi nqabad diskors fuq suġġett ieħor qabel ma telqu l-kunsillieri.

## 42.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.9.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.15pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Mejju 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |